# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb.* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea(str.Cristoforu,numru 174)

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IT-TLIETA, il 15 TA OTTUBRU, 1912. NRU. 36.

*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

P. ARCISKOF U ISKOF.

## Akraû......

Billi id-Direttur nhar t'Erbgha u nhar ta Ħamis actarx icun barra mil Belt— il *Habib*, m' illum il-kuddiem, bis-sensja tal *Cumitat tal Appostulat tat-Talb*, jibda joħroġ nhar ta Tlieta.

## CONCORS

(jigifieri *Tiġrija*).

Mita Monsinjur Galea (li, gharef u tal-ħeġġa, iħobb jaħdem biex jati tas-seŭ id-daŭl lill cull-min ghandu bżonnu) ried jaghmel *Concors* bejn l'imsieħbin tal *Habib*, chellu jibka bix-xeŭka, ghax ŭieħed biss baghat xi ħaġa mictuba. Imma il lħiħ jaghleb ix-xħiħ—ighid il Malti. Mela, nerġghu naħbtu ħabt'oħra. Aħna naghmlu chemm nistghu biex inkajjmu ir-riekdin: u, imbaghd, jecc iridu jibkghu jonħru, ma tcunx ħtija taghna.

Ghall flus ma tħajjar ħadd: naraŭ ghall *Gieħ ta Chittieb tajjeb* icunx hemm min jitkankal.

Gejj il Milied! X'hemm fid-dinja actar ħelu u sabiħ, actar għôli fil ħsieb u ghażiż ghal kalbna mit-*Tŭielid tal Bniedem-Alla fil ghar ta Betlem?...* Eluf tal eluf chitbu fuku, bl' ilsna collha tad-dinja: imma daŭc il ġrajja ghadhom dejjem ġodda u katt ma jikdiemu, ghax katt ma icun inchiteb fukhom biż-żejjed!

Mela, min jibghatilna l'aħjar *Poeżija* fuk il *Milied*, inxandruħ bħala rebbieħ tal *Concors*, natuħ *Certificat* u ingibu il Poeżija tieghu fil *Habib* li joħroġ fil gimgha tal Milied, b'li stess *Certificat* stampat taħtha, it-tnejn fl'eŭŭel faċċata.

Il pattijet huma daŭn:

1. Il Poeżija ma ghandux icun fiha actar minn tmenin vers u inkas minn erbghin. Jaħtieġ ucoll tcun bir-rimi. Imma il ghażla tal versi u it-taksim ta li strofi u tar-rimi inħalluhom f'idejn il chittieb.

2. Hemm bżonn li taslilna sal aħħar ta Novembru: daŭc li jiġuna ŭara naħarkuhom, bla ma nifthuhom xejn.

3. Id-Direttur jaghżel żeŭġ Chittieba mill'actar imsemmija, biex jaktghu huma, taħt ghajnejħ, liema Poeżija ghandha tieħu iċ-*Certificat*: u dan jigi iffirmat minnhom it-tnejn: Imma, jecc il Poeżiji icunu dghajjfin collha, icunu jistghu ma jatu iċ-*Certificat* lil ħadd ; u jecc ma jakblux bejniethom, icunu jistghu jatu żeŭġ *Certificati*, jigifieri jaghżlu Poeżija cull ŭieħed— u, jecc jiġu hecc, ghad li tcun ħaġa cbira, iż-żeŭġ Poeżiji jiġu jieħdu li stess *gieħ*, ghax dejjem icunu intaghżlu minnhom it-tnejn fost il Poeżiji l'oħrajn collha.

4. Il Poeżija ghandha tinbghat f'ittra maghluka: *minghajr l'isem ta min chitibha*: u f'lôc l'isem ghandu icollha chelma maklugha minn żnied il chittieb, biex isservi ta *kaddis*. Mal ittra bil Poeżija maghluka fiha, tinbghat ittra oħra maghluka ucoll: u din fukha, *minn barra*, ghandu icun fiha mictuba il chelma tal *kaddis* u *geŭŭa* l'isem tal chittieb, b'fejn jokghod u min hu seŭŭa. Iż-żeŭġ ittri jixteħtu it-tnejn fil Posta, cull-ħadd ta fejn joghġbu; u isir fihom dan l'indirizz: *Lid-Direttur tal Habib*—Strada Forni, 94, Valletta. Tajjeb ucoll li ŭieħed jicteb fuk iż-żeŭġ ittri, x'imchien fejn tidher minn barra, il chelma: *Concors*—biex ma jitħalltux mal ittri l'oħra li jiġuna.

5. Iż-żeŭġ Imħallfin jifthu l'ittri li icun fihom il Poeżiji: u l'oħrajn bl'ismijet tal chittieba jibkghu maghluka, f'idejn id-Direttur. Imbaghd, mita huma jaktghu liema fosthom ħakkha il *premju*, id-Direttur jiftaħ kuddiemhom l'ittra li fukha icun hemm il *kaddis* ta taħt dic il Poeżija: u l'ittri l'oħra collha, bl'ismijet tal chittieba telliefa maghlukin fihom, jinħarku mid-Direttur u miż-żeŭġ Imħallfin flimchien. Hecc ħadd ma icun jaf ħlief l'isem tar-Rebbieħ biss. U il Poeżiji li ma jieħdux *premju*, flimchien mal inforor taħħom collha, jinħarku ucoll, biex ma jibkax f'idejn id-Direttur ħlief il carti ta min icun rebaħ il premju.

6. Jaħbat ħafna, fl'aħħar nett, li chiecu iż-żeŭġ ittri maghluka jitkieghdu flimchien geŭŭa inforra oħra, ftit acbar minn taħħom, biex ma tintilifx xi ŭaħda minnhom.

Daŭn ir-*Regulamenti* ma klajnihomx minn rasna: Barra, isiru cull imchien u sicŭit.

ID-DIREZZJONI.

## Il Cungress ta Londra.

(5)

*Il ftuħ tal Cungress.*

Il Catidral ta Westminster rat bosta drabi ma tul iż-żmenijet ħŭejjeġ cbar u tal ghageb u denji li jibkghu imsemmija f'li storja; imma sgur li katt ma rat ħaġa tant cbira u tant impurtanti daks chemm rat dic in-nhar li fetaħ il Cungress tal Eŭcaristija, jigifieri fid-9 ta Settembru 1908, nhar t'Erbgha, fil ghaxija. U dina chienet ħaġa cbira u impurtanti mhux biss fl'espressjoni ta barra, u f'daŭc il ħŭejjeġ li jidhru bil ghajnejn, imma ħaġa cbira ucoll u impurtanti l'ictar fis-sinjificat profond taħħa. Il Cnisja Cattolica chienet hemm irrappresentata mil Ministru taħħa. Il Papa bħala Vigarju ta Gesù Cristu chien jinsab hemm fil persuna tal Legat tieghu. Gesù Cristu, Cap invisibbli tal Cnisja imkaddsa, chien kieghed hemm siechet, moħbi, jara collhox, imexxi collox.

Fit-8 ta fil-ghaxija, il Catidral chienet ġà mimlija minn fuk s'isfel, u ma chienx jinsab fiha post battâl; u mhux biss chienet ħaġa sabiħa li tara dac il poplu hecc cbir geŭŭa dic il Cnisja, imma ħaġa ictar sabiħa x'ħin tara daŭc ir-rappresentanzi collha, li hemm chienu jinsabu—rappresentanzi ta Ordnijet, ta Cumpanniji, ta Persunaġġi cbar tal Inghilterra, chif ucoll ta tant Societajet imxerrda mad-dinja collha; nies minn cullimchien, nies mil Lvant il boghod, nies mil Punent il boghod, nies mill'ibħra ta fuk, nies mill'ibħra ta' isfel, bliet cbar, provincji sħaħ, pajjiżi differenti, l'Eŭropa, l'Asja, l'Africa, l'America baghtu collha ir-rappresentanti taħħom. In-nazzjonijet collha, il ġnus collha, collha chemm huma ir-razez chienu hemm jinsabu irrappresentati, hemm nistghu nghidu chienu jinsabu collha chemm huma l'ulied ta Noè; u billi il Cnisja tal Catidral ta Westminister, ghalchemm fiha infisha hija

bosta cbira u tasa ħafna nies, imma ma chienitx biż-żejjed ċbira biex tasa daŭc in-nies collha, ghalhecc mhux biss geŭŭa chienet mimlija bin-nies, ma anchi barra, in-nies collha ħaġa ŭaħda, marsusa ma xulxin, ħadd ma sata jitħarrec.

Geŭŭa il Cnisja, imbaghd. collox chien bl'ordni, cullħadd kaghad fil-lôc tieghu, Sacerdoti, Cappillani, Canonici, Prelati, dinjitari ta cull grad ħadu il post taħħom. Iskfijet u Arci-Iskfijet kaghdu collha scond id-dinjità taħħom fil corsija tal Cnisja minn fuk s'isfel, imkassma f'żeŭġ fili, biex minn nofshom ighaddi il Cardinal rappresentat tal Papa. Il Cardinali l'oħra kaghdu fil côr, fis-sedia taħħom, cullħadd jittenna minn mument ghall'ieħor il Cardinal Vanutelli, Legat tal Papa.—Meta eccu, flaħħarnett, jasal il mument tad-daħla ta dana il Cardinal, it-trumbetta minn barra tati is-sinjal li ŭasal, f'salt ŭieħed l'uċuħ jitbiddlu, cullħadd ferħan iħares banda ŭaħda, cullħadd iħares l'isfel, lejn il Cardinal li chien dieħel, il kniepel idokku collha b'sollennità l'iżjed cbira, l'orgni jinstama bil forza tieghu collha u cant l'iżjed ħelu bida icanta l'antifona li il Cnisja taghmel ghal tal apposta ghal circustanza bħal dina, *Ecce Sacerdos magnus*; u il Cardinal rappresentant tal Papa, fost dac il ferħ collu, fost dica il lakgha hecc cbira, kalb dic issullennità collha, jidħol geŭŭa il Catidral, ighaddi minn kalb dic ix-xmara ta Iskfijet u Arci-Iskfijet, li id-dinja chemm ilha teżisti katt ma rât barra mil Belt ta Ruma. L'Arci-Iskof ta Westminster (illum il Cardinal Bourne), imlibbes bl'abiti sagri, bil cappa fuku, bil mitra f'rasu, f'idejħ il baclu pasturali tieghu jimxi il-kuddiem, id-Delegat ta San Pietru, il Cardinal Vanutelli, ighaddi ghat-tron tieghu. Hemm, x'ħin jasal, iħares ma dŭaru, jilmaħ il Cardinali sħabu, bħalu Prinċpijet tal Cnisja imkaddsa (sitta minnhom chienu kieghdin taħt it-tron taħħom) u malajr, minghajr żmien ma jitlef, jati bidu ghall Cungress Eŭcaristicu. Jinxteħet gharrcopptejħ kuddiem l'Artal imkaddes, ŭaħdu jokghod jitlob: ŭara ftit ikum jitla l'Artal, ibusu fin-nofs, idur lejn dac il Poplu, jatiħ il barca tieghu.—Kaghad bil kieghda fuk il faldistorju: u fost schiet tant cbir bida jakra l'ittra tal Papa. Dina l'ittra li kralhom chienet dic li stess ittra li il Papa baghat lil dac il Cardinal xi ghaxar ti jem kabel, fit-28 t'aŭissu, sabiex jiddelegaħ minn f'lôcu, ħalli hecc dac il Cardinal jirrappresenta il Papa stess fil Cungress ta Londra.—Dina l'ittra ingibuha darb'oħra. U il Cardinal kara l'eŭŭel ħaġa dina l'ittra tal Papa, sabiex jippublica kuddiem cullħadd illi hu ma marx fil Cungress bħala semplici persuna privata, jeŭ bħall Cardinali l'oħra, imma mâr bħala Rappresentant tal Papa. Ŭara li kara dina l'Ittra, il Cardinal stess li kraha, il Cardinali l'oħra, l'Arci-Iskfijet, l'Iskfijet, is-Superiuri ta l'Ordnijet li hemm chienu jinsabu, is-Sacerdoti u is-Seculari, cullħadd jinxteħet ghar-rcopptejħ fl'art, kuddiem Gesù Sagramentat, sabiex Lilu jadura. U Gesù Sagramentat, f'li stess persuna tieghu, chif chien jinsab presenti, mit-tabernaculu imkaddes, bierec dac il Poplu collu, li kuddiemu chien jinsab mixħut ghall'adurazzjoni. Infetaħ hecc, b'din il maniera, il Cungress Eŭcaristicu ta Londra u cullħadd ħareġ mil Cnisja ibierec u ifaħħar lł'Alla.

(*Jissocta*) Dun Anton Vella, D.D.

(*Cappillan ta ħal Luka*).

---

Mil Lucerna tal Hajja. — 28. Alla ighannak il maħbubin tieghu bis slaleb u bin-nichet, bħalma naraŭ fuk Ibnu stess.

# Harsa lejn l'Eûropa.

Il paci tal Eŭropa kieghda f'idejn il Potenzi il Cbar: u ghad li collha jakblilhom ma jicsruhiex, ghax, jecc jitħaŭŭdu bejniethom, Alla jaf x'icun minn daŭc li jidħrilhom li huma fuk ir-riħ, fil ŭakt li taparsi imellsu ŭaħda lill'oħra u is-Slaten taħħom sicŭit biż-żjajjar ghand xulxin, minn taħt dejjem jaraŭ x'jaghmlu l'oħrajn, biex huma jarmaŭ irŭieħhom aħjar, fl'art u fuk il baħar, scond mnejn jibżghu jeŭ jaħsbu li jifilħu ghalihom. Ghax huma ħbieb bil cliem u bid-dieher, iżda minn taħt ikisu-ruħhom ghedeŭŭa.

Hecc chien minn aŭl-id-dinja: u il proverbju latin li ighid *Jecc trid il paci, thejja ghall gŭerra*, ekdem hu mil Potenzi il Cbar ta 'llum collha!

Daŭn il Potenzi huma Sitta: l'Inghilterra, ir-Russja, Franza, il Germanja, l'Aŭstrja u l'Italja — ħamsa minnhom taħt ħacma ta Sultan u Franza fosthom collha immexxija minn President, li isir bil vôti ghal seba' snin, ghax, ŭara li it-Tielet Napuljun, fil gŭerra tal 1870, ŭaka prigjunier tal Germanja, riedet tibka Republica, bħalma huma l'America, li Svizzera, xi Pajjiżi oħra li aħna ftit nghabbu râsna bihom u issa il Portugall ucoll, ghad li, chif jidher, ir-Republica fiħ ma ghandhiex ħajja tŭila.

Tlieta minn daŭn is-Sitt Potenzi: il Germanja, l'Aŭstrja u l'Italja: ghandhom *Ftehima bejniethom*, imsejjħa it-*Triplici Alleanza*, jigifieri il *Ghakda tat-Tlieta*. U din il *Ftehima* ilha maghmula bosta żmien, ghax, ghad li jirtabtu ghal ftit snin, cull mita tigi biex taghlak, ŭara ħafna ghajdun u tħarrif tal gażetti, jerġghu igedduha. Mela, daŭn it-tliet Potenzi, ghal-chemm it-Taljani u l'Aŭstrjaci, imħabba Triesti u l'artijet l'oħra li l'Italja ghad ghandha taħt idejn l'Aŭstrja, katt ma tħâmlu ŭisk bejniethom u jecc takra il ġrajja taħħom tghid li huma clieb u ktates—daŭn it-tliet Potenzi mhux biss li ma jatux bejniethom, imma, jecc xi Potenza barranija mil *Ftehima* taħħom taħbat ghal ŭaħda minnhom, it-tnejn l'oħra jakbżu ghaliha; u jecc ŭaħda minnhom taħbat hi ghall Potenza barranija mil *Ftehima*, it-tnejn l'oħra ma jindaħlulha xejn u iħalluha taghmel taħħa, bħalma ġara, biex ingibu esempju, fil gŭerra tal Italja mat-Turchija fuk Tripli u Binghażi.

It-tliet Potenzi Cbar l'oħra—l'Inghilterra, ir-Russja u Franza—kieghed jinghad li huma miftehmin ucoll bejniethom: iżda mhux bid-dieher. Kieghed jinghad! Imma daŭn ħsiebijet ta daŭc li insejjħulhom *Politici*: daŭc li jidhrilhom li jafu jakraŭ fiddlam! Imma min jaf x'hemm miżruħ minn taħt u x'jista jinbet minn jum ghal ieħor?...

Nafu li Franza, ghad li ghaddeŭ fuk l'erbghin sena, ghadha imfansta ghall Germanja; u il ghajb li din ghamlitilha bitticsira li chissritha fl'1870, mita cull-ħadd chien jaħseb li hi tifiaħ ŭisk actar minnha, baka 'mŭaħħal bħal xeŭca fi grieżmejha. Nafu ucoll li l'Inghilterra, ghal-chemm issa tidher ħabiba cbira ta Franza u saħansitra il *Prince of Wales*, il Ŭerriet tas-Saltna Ingliża, mâr jieħu il pratca fuk il frejgati franciżi u kâl li katt ma jinsa il lakgha li chellu minnhom, ghandha interessi cbar fil Mediterran, interessi li ma jakblu xejn ma daŭc tal gâra taħħa. Il port ta Biżerta kieghed krîb ŭisk minn Malta u il Marocc jigi bisŭit Gibilterra! Żeŭġ ti sjuf f'ghant ŭaħda!—Tarġa, il Germanja kieghda tintilha ċull-jum actar biha infisha: u dic il chelma tal Imperatur Guliermu *Xortîna fuk il baħar* sarreŭha tajjeb il Potenzi il Cbar collha u rabtuha ma subghajhom. Il cobor li kieghda ticber bis-sieghat, ħadd m'hu f'ghajnu minnu, inkas iż-żeŭġ ti ħbieb taħħa. Difatti, l'Aŭstrja, li taf x'ghandha imbejjet l'Italja u x'jista jiġrilha chiecu il Germanja tinghakad mal Inghilterra, min jaf chif in hi imxebilca mar-Russja, li ghandha ħafna tiġrif teŭmi ma taħħa fl'artijet ta bejniethom; u l'Italja, li giet mghejuna ħafna mill'Inghilterra biex saret Saltna u inkas issa fil gŭerra ta Tripli ma sabet ruħħa imfixcla minnha, dejjem uriet imħabba u kima cbira ghaliha, ghad li ghandha dic il *Ftehima* mal Aŭstrja u mal Germanja. Ir-Russja, 'mbagbd, cull-ħadd iridha mieghu u ħadd ma irid jirħilha tersak fuku. Il muftieħ taħħa kieghed f'idejn it-Turchija: u nistghu naħilfu li ħadd minnhom ma jitlobha tħalliha tghaddi mid-Dardanelli, la il ħbieb u inkas l'eghdeŭŭa. Imma hi dan tafu tajjeb: u, ghad li issa tidher ħaġa ŭaħda ma Franza u mal Inghilterra, Alla jaf minn taħt fejn hu ħsiebha.

Ma nghidu xejn ghall Spanja, illum imħallta mal Inghilterra, ghax ir-Re taħħa iż-żeŭŭeġ ma Principissa ingliża (ma dan collu, l'Imperatur tal Germanja u ir-Re taghna huma ucoll ulied l'aħŭa) u ghall Grecja u il Portugall, li huma tliet Potenzi żghar ħdejn is-Sitta li kieghdin insemmu: u jecc daŭn, Alla ħares katt, jaħbtu ghal xulxin, iżommu ma fejn l'actar jakblilhom biex jibżghu ghal rashom jeŭ sa chemm jistghu ma jindaħlux fit-tabxa.... ..

Hemm ŭisk iżjed xi nghidu, biex nuru chif jinsabu mibrumin is-Sitt Potenzi il Cbar bejniethom: l'actar issa, bit-tixŭixa tal Bulgarja, tas-Serbja u tal Montinegru, li dejjem sejjrin jatu mat-Turchija u ma jatu katt, ghax il Potenzi il Cbar igebbduhom bil ħajta bħall pupi u jaghmlu li iridu bihom: imma ghall Karrejja tal *Habib* daks hecc biż-żejjed.

Aħna nitolbu lł'Alla li katt ma tinchiser il Paci ta bejn is-Slaten Insara, chif tghallimna u tŭiddibna ir-Religjon Cattolica. *Ut Regibus et Principibus Christianis pacem et veram concordiam donare digneris, te rogamus, audi nos*—nghidu fil Litanija it-tŭila. U, ghad li tnejn minnhom Protestanti u ŭaħda Xismatica, is-Sitt Potenzi il Cbar huma Insara collha. Bħala, 'mbaghd, sudditi fidili li aħna tal Inghilterra, nitolbu ucoll, b'kalbna collha, li Hi dejjem ticber actar fid-dinja u issaltan rebbieħa, ghall gieħ u ghall kima taħħa fiha infisha u tal Bandiera ghażiża li ghandna tbatti fukna.

Imma, biex incunu tajna seŭŭa *ħarsa lejn l'Eŭropa*, chif ŭeghdna fil bidu, fadlilna naraŭ, chiecu l'Inghilterra, Franza u ir-Russja, mil banda il ŭaħda, u il Germanja, l'Aŭstrja u l'Italja, mil banda l'oħra, icollhom x'jaksmu bejniethom, x'saħħa ghandhom, tlieta contra tlieta, scond ma ŭiżinhom, daŭn il ġranet, ŭieħed mil Chittieba li jidhrilhom li jifhmu, fil *Corriere di Sicilia*—gażetta cattolica. U, kabel ma nissoctaŭ il-kuddiem, nistkarru li aħna sejjrin ingibu dan l'użin tas-Sitt Potenzi ghall curżità tal Karrejja taghna: iżda ma naghmlux tajjeb ghaliħ.

Fl'art, ghandhom:

*Franza*, 620 battaljun, 446 sqŭadrun u 779 batterija—*ir-Russja*, 1284 battaljun, 511 li sqŭadrun u 623 batterija, barra minn 323 cumpanija tal Cożacchi—u l'*Inghilterra*, biex joħorġu jiccumbattu barra mill'ibħra taħħa, 80 battaljun, 40 sqŭadrun u 84 batterija—li, tat-tlieta flimchien, jaghmlu 1984 battaljun, 1220 sqŭadrun u 1486 batterija;

*l'Italja*, 385 battaljun, 150 sqŭadrun u 270 batterija—*l'Aŭstrja*, 607 battaljuni, 242 sqŭadrun u 251 batterija—u il *Germanja*, 652 battaljun, 516 li sqŭadrun u 836 batterija—li, tat-tlieta flimchien, jaghmlu 2104 battaljuni, 908 sqŭadruni u 1457 batterija.

Fuk il baħar, ghandhom ŭisk actar bcejjeċ tal battalja l'Inghilterra u Franza, ghalavolja minghajr ir-Russja maħħom: l'Inghilterra ŭeħidha, ticseb iżjed mit-tliet Potenzi tal

*Ftehima* maghkudin flimchien: u m'hemmx bżonn nokoghdu nghodduhom, ghax din ħaġa li jafha u jistkarrha cull-ħadd. Imma scond fejn issir it-takbida u chemm icoll-hom żmien il frejgati biex jinġabru banda ŭaħda, ghax min ghandu il flotti tieghu imxerrdin fil bghid minn xulxin,jista isib-ruħu ħażin, mita tal ghedeŭŭa icunu miġburin f'baħar ŭieħed u krib ŭaħda mill'oħra. Dan ighiduħ l'Armiralli il cbar collha. Mela, jecc, Alla ħares, tkum f'dakka ŭaħda gŭerra fuk il baħar, ŭisk actar mil ghadd tal frejgati jista jisŭa it-taksim taħħom.

Frattant, il Germanja kieghda tħaxxen il flotta taħħa cull jum iżjed: donnha trid titla fuk ras cull-ħadd: imma, nerġghu nghidu, min jista jifhem x'hemm miżruħ minn taħt bejn is-Sitt Potenzi il Cbar, ghad li jidhru maksumin fi tlieta u tlieta? Min jisgurana li l'Inghilterra, jecc tinfired ghal xi ħaġa minn Franza, ma icollhiex minnufiħ il Germanja maħħa? U jecc it-Turchija, infuscata ghall'Italja li kieghda tidħlilha ŭisk fil ghalka taħħa u ghall Potenzi li kieghdin iħalluha taghmel rajha, tirħi lir-Russja toħroġ mid-Dardanelli, min jaf chif jinkasmu u jitħaŭŭdu bejniethom l'erba' Potenzi l'oħra, jigifieri l'Inghilterra, Franza, il Germanja u l'Aŭstrja?...

Il *Politica* karrieka!

Nitolbu, mela, ll'Alla li ma tinchiser katt il Paci bejn is-Slaten Insara. S.C.A.

## Biedja.

OTTUBRU.

*Ix-xahar tal miżirgha.*

Iraħħsu—it-teŭm, il ghansar, iż-żaghfran, il fraŭli.

Jiżhar—il ħarrub, il busbies, in-nespuli.

Isajjru—il dielja, iż-żebbuġ, ir-rummien, il lanġas, ir-rand, il pumacannella, il pistaċċi, iż-żorba, li sfargel.

Jinża—il ħaŭħ, li sfargel, il lanġas, it-toffiħ ta Billudja, il ġeŭż, il berkuk, iż-żinżel.

Xoghol tal bdieŭa.

*Fir-raba baghli*:

Taħrad u iddemmel ir-raba.

Jinżerghu—ix-xghir, il ġolbiena, il piżelli, iċ-ciccarda, il ful.

Jitħaŭŭel—it-toffieħ t'Adam u il cromb tal gidra.

Jiddaccar—il ħarrub.

Jinġabar—il bjad.

*Fir-raba sakŭi*:

Tinżara—il bkajla.

Jitħaŭŭel—iż-żebbuġ, il spraġ il kakoċċ.

Jinkala—il cannamiel, il kara franciż.

Jitŭieldu—il ħrief.

IŻ-ŻAGHFRAN.

F'xi postijet tal Gżira taghna, bħalma huma daŭc li jinsabu ma dŭar il Buschett u ħad-Dingli u fuk tal Ghôlja, issir ŭeħida certa qŭalità ta Żaghfran, li isejjħulha *Crocus longiflorus*. Il fjur ta daż-żaghfran jinġama min-nies tar-Rabat ta li Mdina, ta ħad-Dingli, u tas-Siggieŭi, biex minnu jieħdu il ħajtiet taż-żaghfran, fejn ŭara li inixxfuhom jisserveŭ bihom ghall bżonnijet tad-dar. Iżda daż-żaghfran hu ta qŭalità actar baxxa minn dac li il Bottànici isejjħu *Crocus sativus*, ghal proprietà tieghu ftit rotob u ftit ħelŭin. Dan l'aħħar żaghfran, li isir minghajr ħidma fil Grecja u fis-Sirja, illum kieghed jintaghmel f'bosta lochijet tal Italja, specjalment fil provincja ta Aqŭila, f'Napli; u fil campanja ta Aggira, fi Skallija; u f'Malta ucoll isir ŭisk tajjeb. Ix-xitla taż-żaghfran trid art xotta u ħafifa, u li tcun tajjba chemm imissha; f'Novembru dix-xitla tkabbeż il fjuri kabel il ŭerak, u tati ġabra ta xi 36 ukija (użin) cull tomna raba.

Ma hemmx bżonn li icun tal aħjar qŭalità ir-raba ghaż-żaghfran; basta li icun imdemmel tajjeb b'demel misjur, kabel ma tibda ix-xoghol. L'eŭŭel xoghol ghandu isir biex takla kalgha l'art mill'aħjar li tista, u jecc hemm bżonn ta żeŭġ ghażkiet tajjba. Il basal taż-żaghfran ghandu jitħaŭŭel f'Settembru ġo gandott li ghandec tiftaħ minn tùl il ghalka, fond xi-xiber, u tbighed ŭieħed mill'ieħor xiber u nofs. F'kieħ il gandott ghandec tiżra dan il basal fi tliet flanni, xorta ŭaħda bghid minn xulxin. Ŭara li, b'dan il môd, tcun żrajt dan il basal, tarġa tiftaħ gandott ieħor bħal tal eŭŭel, u bit-trab tieghu tghatti il gandott ta kabel, u hecc tibka taghmel sachemm tispiċċa ir-raba li trid tiżra biħ.

Chif taghmel l'eŭŭel xita, li biha jisponta u jitla iż-żaghfran, hemm bżonn li tati ghażka lill'art. Minn din ix-xita, infatti, tal ħarifa, li aħna icollna ŭisk imŭaħħra, jiddependi ghamil il fjuri tieghu; imma intant il gemgha taż-żaghfran issir dejjem fl'aħħar ta Novembru; kis li icun fil-ghodu, fittex l'eŭŭel il fjuri, u imbghad ħu il ħjut taħħom, li huma il prodott veru taż-żaghfran. Chif jispiċċa il fjur, il ŭerak jibda jakbeż u jicber.

F'Dicembru tarġa tatiħ nakxa oħra u tfittex tghatti bit-trab ir-rimi ċchejchen tieghu, biex hecc actar jiħxien il basal. L'aħjar mghażka ghal dan ix-xoghol hi dic li hi maghmula bħal żeŭġ krun.

Tliet snin iddum il miżirgha taż-żaghfran; fit-tieni u fit-tielet sena il ŭiċċ icun icbar. Fit-tieni u fl'aħħar sena l'ghażik ghandu isir chif taghmel l'eŭŭel xita ta Settembru, biex jitneħħa il ħaxix li jinbet. Fit-tielet sena, ghandu, imbghad, jinkala mill'art il basal tieghu, meta jinxef il ŭerak, u jitkighed f'loc niexef, sa chemm jasal żmien it-taħŭil tieghu. Kabel ma jitħaŭŭel dan il basal, hemm bżonn tneħħilu ir-rita ta barra; tista tiżirghu f'li stess raba, imma ŭara li ighaddu ghaxar snin.

Mil fjur collu taż-żaghfran, tliet ħajtiet biss huma tajjba: u daŭn sofor, issibhom f'nofs il fjur u iservu ghall'affari tad-dar. Ŭara li taklaħħom minn nofs il fjur u tnaddafhom tajjeb, ghandec, imbghad, tħallihom jinxfu fi rŭieħ, u hecc niexfin tbieħħom. Il bidŭi icollu klieħ sabiħ. W.

### Fiex it-taljan ma jaħbilx mal-malti

*(jissocta man-numru 33)*

Il-consonanti tan-nofs, f'għerk ta' tlieta, taħbat fl-omma l-biċċa l-cbira bejn żeŭġ vocali. Ara:—(1) *kábad, ħásel, dáħal, sébaħ, gíbed, xórob*; (2) *ħâres, bierec, kârar*; (3) *sabîħ, ħafîf, kadîm*; (4) *fáħal, xíber, séker, gísem, tífel*. U ngħidu "l-biċċa l-cbira" għax hemm ommiet (*) b'għerk ta' tliet consonanti li l-fostanija minnhom ma hix bejn żeŭġ vocali. Ara: (1) *ksâr, ċchien, ħxien, sŭied, djiek, bjâd, tjieb, tŭâl*; (2) *fkîr, cbîr, tŭîl, rkîk*.

Ma' daŭn l-ommiet hemm xi uħud li l-consonanti fostanija tagħhom hi *għ*, li, billi għandha leħinha dgħajjef, il-ŭidna ma turiniex jecc għandhiex tinchiteb bejn żeŭġ vocali, jeŭ bejn vocali u consonanti, jeŭ bejn consonanti u vocali; jigifieri jecc għandniex nictbu, ngħidu aħna, *bágħat* bħal *kábad*; *bâgħat* bħal *kárar* jeŭ *bgħât* bħal *ksâr*. Imma f'dan naslu minn triek oħra:—

(1) Il-particip ta' *kábad* hu *makbûd*; ta' *kârar* hu *mkârar; ksâr* u sħabu collha ma għandhomx particip: jinkdeŭ b'dac ta' *kàssar* u sħabu. Ta' sura ŭaħda ma' *makbûd* hemm il-participi *mibgħût, mixgħûl, miżgħûd, mimgħûd, mibgħûd*, li jingħażlu minn participi oħra mil-vocali *û* u l-accent imcarcar ta' fukha: l-omma tagħhom għalhecc hi *bágħat, xégħel, żágħad, mágħad, bágħad,* ta' sura ŭaħda ma' *kábad*, jigifieri b'nofs accent.

(2) Omma b'accent imcarcar bħal, ngħidu aħna, *kârar, bierec*, ma tieħux kabilha vocali, imma consonanti: ara *nkârar, tkârar, jkârar, nbierec, tbierec, jbierec*; vocali kabilha teħodha omma ta' nofs accent: ara *kábad, férak* li jagħmlu *ákbad, ófrok*. GĦalhecc *óbgħod, ókgħod, íxgħel, íbgħat, ómgħod, íżgħod*, għandhom b'omma *bágħad, kágħad, xégħel, bágħat, mágħad, żágħad*: jigifieri b'accent nofsi bħal *kábad, férak*.

L-għerk ta' tliet consonanti f'omma ta' nofs acccent u f'omma ta' vocali ŭaħda u accent imcarcar, joctor billi jtenni l-consonanti tan-nofs: ara *kábad, gíbed, férak, nížel*, li jsiru *kàbbad, gèbbed, fèrrak, nìżżel*; ara ucoll *ksâr, tŭâl, bjâd, sûied, ħxien, djiek*, li jsiru *kàssar, tàŭŭal, bàjjad, sèŭŭed, ħaxxen, dèjjak*.

Il-*għ* iżda ma tigi katt imtennija: għalhecc dac li ma jistax iseħħ bil-consonanti tan-nofs, jidħol għalih l-accent, billi minn nofs accent jinbidel f'accent imcarcar. Dan jiġri fil-verbi, *bágħad* u *kágħad*, li jnisslu *bâgħad, kiegħed*, bħal ma *bírec, férak*, barra milli jtennu l-consonanti tan-nofs, jbiddlu l-accent, u hecc inisslu ŭcoll *bierec, fierak*. Ta' sura ŭaħda, ma' daŭn ta' accent imcarcar, għandna ŭcoll *gâgħal* u *giegħel*, li jisŭeŭ xorta ŭaħda.

*(Jissocta)* G. Vassallo.

(*) *Ommiet* ma tinkarax bħal *ommijiet*. Ta' l-eŭŭel fiha żeŭġ taksimiet (om-miet) u hi plural ta' *omma*: ta' l-aħħar fiha tliet taksimiet (om-mi-jiet) u hi il-plural ta' *omm*.

## Hsieb ta Bilbla.

Bilbla chienet tittajjar
Fil ghôli tas-smeŭŭiet,
Bis-sieħeb taħħa ħdejha
U ŭieħed mill'ulied,
X'ħin f'dakka ceċċic semghet
U lemħet arjuplan;
Imbghad lir-ragel mghaġġba
Staksietu: X'inhu dan?
U l'ieħor dlonc ŭegibha:
«Dan meecanismu cbir,
Li il bniedem ħolok issa,
Biex jista bħalna itir;
U seŭ minn art ghall oħra
Isiefer jista biħ
F'ankas chemm ili nghidlec,
Bla ma jinchedd mir-riħ.»
Ghal dan il cliem tas-sieħeb,
Bakghet b'ħalkha miftuħ,
Ghaliex f'ħajjitha collha
Bħal dac katt ma rat tluħ.
Imbghad, hi bexxket fommha
U dan ghergret fil ħin:
«Il baħar, l'art u l'ajru
Collha 'ssa tal bniedmin!»
X'ħin dac li lil din ghaġġeb
Le baka iżjed ifakka,
Iżda l'isfel ghar-rasu
Lemħitu nieżel f'dakka.
«Oħ, ħares, sieħeb, ħares!
Ghidli x'inhu li ġara?!
Actarx li dac l'imbierec
Itir ghadu ma dara!»
«Le, xejn minn dana collu,
Ghax naf biż-żejjed jena:
Mita li *scrù* jitħassar,
Minn ħadd ma tigiħ ħniena.
Jaħtieġ li tibka nieżel
Ghar-rasec fuk il blat,
Jeŭ l'isfel f'kieħ il baħar
U tibka bla nifs fgat!»
Haŭnhecc il Bilbla saffret
Tisfira seŭ fil ħin,
Li biha donnha riedet
Il ħajr trodd lill Hanin,
Ghaliex Hu lilha ħalak
Ghall'ajru bla *mutur*!
Inkss hi *scrù* ma ghandha
U tista fejn trid tmur!

Emm. Quattromani.

Fis-26 ta Settembru, 1912.

## Il-Maħtab: is-Sigar.

*(Jissocta man-numru 34)*

Missierijietna chienu jħaŭŭlu ŭisk sigar cbar. Fix-xagħri, ta' sicŭit jinsabu ŭejbiet sħaħ ta' raba llanat u lanijiet fondi mal-kasba, u hecc tŭal u ŭiesgħin illi jilħku jitħaŭŭlu fihom fuk ħamsin żeŭġ dŭieli,f-żeŭġ indani. Bla dubju daŭc il-lanijiet ma chienux canali tad-drenaġġ bħal daŭc li ked jagħmlilna l-gvern.

Tabilħakk il il-gvern ked iħaŭŭel ħafna sigar collimchien u jonfok xebgħa flejjes: coll-fejn isib tokba jdeffsilha ŭaħda jeŭ tnejn; iżda billi il gvern tagħna missier ħanin (bħal ma fl-aħħar mill-aħħar għandhom icunu l-gvernijiet collha) ma jħaŭŭelx sigar, ngħidu aħna tal-larinġ, chif jagħmlu Skallija, għax priclu jibża' li ir-rieħa taż-żahar tŭaġġa r-ras lil xi nies u tmarradhom, bħalma marradhom il ħalib tal-mogħża! Il gvern għalhecc ma jħaŭŭelx ħlief sigar *bagħlin...*

"Billi (*) dina l-art hi ŭisk tajjba u il bdieua tagħna jistgħu jbigħu tajjeb f-Malta l-frottijiet, jixrak li huma ma jittrascuraŭx il-ħidma tas-sigar. Haŭn (*) jicbru u jagħmlu ħafna s-sigar tal-ħaŭħ, tat-tuffieħ, tal-langas, tal-għankabar, tat-tin, tal-larinġ, tan-naspli, tal-ħarrub, u hecc: l-għaliex immela ma jitħaŭŭlux bosta minnhom ma tul il-ħitan tas-sejjieħ biex hecc icunu mħarsin mir-rieħ? Iżda biex daŭn is-sigar jatu ħafna, hemm bżonn li mita ŭieħed iħaŭŭilhom jagħmel ħofra ŭasa u ibażżarha tajjeb. Imbgħad coll-sentejn jiżra ma' dŭarhom silla jeŭ xnien, gulbiena, ful,u maż-żerrigħa jati l-*perfosfat.*(†) Mita dina tinbet u tcun sejra toħroġ in-nŭar, għandu jagħżakha hecc ħadra u jgħattiha bit-trab. B-dan il-môd (li stess ħaġa ngħidu għad-dŭieli) is-sigar jieħdu r-ruħ; saħansitra t-trab ibiddel il-leŭn u jsir aħjar għax-xogħol u actar għammiel."

G. Micallef.

(*) Meħud mil-conferenza li chien għamel fis-sala ta lŬirja,Għaŭdex,fl-1901, il-Prof.Dun Anġ Caneo, cappillan ta' Mestrino, Padova.

(*) U għaliex mhux Malta ŭcoll?

(†) *Anidride fosforica*=cubrit.

## Ma dûar il Gżira.

Nhar il gimgħa, mal *Carôla,* jasal Monsinjur Heylen, President tal *Cumitat Permanenti* tal Cungressi Eŭcaristici Universali.

—La darba, chif chitbilna *S. F.* tal Isla, haŭn ħafna li jixtieku jifħmu aħjar *x'in hu proprjament il Cungress Eŭcaristicu*, għad li jidrhilna li s'issa għedna actar minn cull-ħadd fuku, għamilna ħsieb ingibu fil *Ħabib* tal gimgħa id-dieħla dac li kâl, fl'aħħar għadd tad-*Devot ta Marija*, il Cumitat ta Għaŭdex: aħna nistkarru li ma nafux infissru aħjar minn hecc *x'in huma il Cungressi Eŭcaristici* u nittamaŭ li *S. F.* u sħabu joħorġu cuntenti. Id-*Devot ta Marija*, imbierec minn dic il ġaŭhra ta Iskof li hu Monsinjur Camilleri, gieħ u żîna tal Ordni Agustinjan, u dirett bi ħrara u ħabta cbira mil ħabib tagħna Dun Anton Vella ta Għaŭdex, ilu joħroġ 25 sena u mingħajr xejn dubju hu ŭaħda mill'aħjar *gażetti sagri* li għandna bil Malti. Ħakku cull tifħir għal dic ir-rabta ta klub li kankal u ħeġġeġ bejn il Maltin u il Għaŭdxin, biex icunu actar ħaġa ŭaħda fil festi tal *Cungress Eŭcaristicu*: u aħna, ħalli dejjem nuru iżjed lill ħutna ta Għaŭdex chemm hi minnha dic ir-rabta, infaccru lilu u lilhom li Monsinjur Dun Giusepp Farrugia, Vigarju tal Iskof Camilleri u Prelat mill'actar imsemmija għall għerf u għall ħeġġa tiegħu f'dic u f'din il Gżira, hu ucoll ŭieħed mil *Membri tal Cumitat Esecutiv*, bħalma hu il Vigarju ta Malta.

—Ma ŭiegibniex bil mictub lis-Sur *Joe*, chif talabna, għax dac li għandna ngħidulu xtakna ngħiduhulu bil fomm: mis-siegħa sa't-tlieta, isibna cull-jum l'uffizzju tagħna.

—Collha sbieħ u ta fejda cbira il cotba tal *Mogħdija taż-Żmien*, li il Commendatur Galea kiegħed joħroġ ŭieħed f'ŭieħed b'dic il ħrara 'mkaddsa tiegħu għall gid u id-daŭl tal Poplu: imma dan tal aħħar — *Il Carità f'Malta u Għaŭdex*—fejn huma migburin il ġrajja ta li *Stituti tal Carità*, bir-ritratti ta chemm Maltin ħadmu u ħabircu għalihom—għaxxakna għal-collox. Mil Venerabbli Adelaide Cini u Fra Diegu sa'l Marchis Bugeja u il Canonicu Dun Frangisc Bonnici, hemm litanija tŭila tal *Benefatturi tal Fokra*: litanija li tibka sejjra issemmi daŭc collha li għadhom s' issa, ħajjin u mimlijin bil għomor, jeŭ jonfku gidhom jeŭ jaħdmu bid-dehen taħħom għall proxxmu: imma, biex dic il litanija tcun sħiħa, jonksu isem u ritratt, li għal-xejn il karrejja ifittxuhom fin-Numru 121 tal *Mogħdija taż-Żmien*, għad li huma mill'actar magħrufa u maħbuba: l'isem u ir-ritratt ta li stess Commendatur Galea. Akraŭħ tajjeb dac il ctieb: ħobbu daŭc in-nies li hemm imsemmija fih: u żidu intom, bil kima collha, dac l'isem li jonkos, għax hu ŭieħed mill'akŭa fosthom Nafu x'aħna ngħidu.

—Il Karrejja tal *Ħabib* li għandhom il vôt għall Cunsilieri tal Gvern fl'*Eŭŭel* u fil *Ħames* Distrett, jibkgħu imŭiddba li il ġranet biex jatu il vôt huma għada, l'erbgħa, u pitgħada, il ħamis, mit-8 ta fil-għodu sa nofs in-nhar u mit-3 sa 's-7 u nofs ta fil għaxija. Fid-Distretti l'oħra m'hemmx votazjoni.

—L'articlu ta *E. F.*, imħabba in-nukkas tal ŭisa, icollna nissoctaŭħ darb'oħra.

## Ma dûar id-dinja.

*Balcani*—L'iċchen Stat, il Montenegru, tà il miċċa tal gŭerra contra it-Turchija. Fissebgħa tax-xahar iddichiara il gŭerra u bedgħu jatu minnufiħ.

Il *Montenegru*, taħt il Princep Danilo, għandu 50 elf ruħ.

Il *Bulgarja*, taħt erba' generali, għandha 470 elf ruħ.

Is-*Serbja*, taħt il cmand tal Princep Giorġ, għandha 200 elf ruħ.

Il *Grecja*, bil Princep Costantinu bħala Generalissimu, tgħodd 155 elf, bin-nies li sejjrin mil gżejjer li għandhom taħt it-Toroc.

Il *Macedoni*, li irvellaŭ, igħoddu ma dŭar 200 elf.

It-*Turchija* tista icollha fuk miljun ruħ.

Biex jeħdu il posiżżjoni li għandu il Montenegru, icollhom bżonn ta 500 elf ruħ. Meta ir-Re Nicola u il Princep Mircu telku għall frontiera, il poplu feraħ ŭisk bihom, fost li sparar tal canuni u id-dakk tal kniepel.

Il Princep Pietru, l'iċchen tifel tar-Re Nicola, spara l'eŭŭel tir contra it-toroc, li ŭara 21 minuta chellhom iciedu posthom u jarġgħu jidħlu fit-Turchija.

Il Montenegrini ħadu il muntanja Detchic, u il fortizza Tuza; kabdu erba' canuni; u l'uffizzjali u is-suldati cedeŭ l'armi.

Il Bulgari f'Dospat chienu mitfugħin l'ura mit-Toroc.

*Aŭstrja*—Il gvern talab ħdax il miljun lira biex jixtri xcubetti, canuni tal muntanji, areoplani u affarijet oħra tal gŭerra.

*Germanja*—Tilfet b'ħasra cbira l'aħjar Ambaxxatur li chellha, il Baruni Marshall, li dâm żmien tŭil Custantinopli; ftit xhur ilu, giè mibgħut Londra u miet daŭn il ġranet, f'B aden, fejn chien għall cura.

*Italja*—It-tabib tal Papa, Professur Giuseppi Petacci, miet daŭn il ġranet.

L'aŭtomobbli tar-Re għal-ftit ma giex imfarrac mit-tram, fil belt ta Piża.

Il flotta spiss tidher fejn l'isoli toroc. Hemm jiġġereŭ tnax il frejgata.

Il gvern, per mezz tal Germanja, giè mgħarraf li it-Toroc sejjrin jilliberaŭ il membri tal Missjoni Sforza, f'Dejbat; u għalhecc ir-Re ordna li icunu liberati il prigjunieri toroc li m'humiex suldati.

Fi ftit ġranet oħra sejrin jinfetħu f'Ruma li Schejjel għall bniet u għas-subien, tfal tal fkar. Geŭ mibnija mil kalb ħanina tal maħbub Papa Piju X. Jistgħu jidħlu elfejn tifel. Il bini tala fejn Porta Angelica ma genb il Vatican.

Id-direttur ta ġurnal *La Libertà* giè mgħolli mil Papa bħala President Generali tal *Unjoni Cattolica fl'Italja.*

*Ingħilterra*—Deodora Monarch, il *Bull-dog* l'actar icreħ fid-dinja, imbieħ elf lira u ħaduħ New York. Dan il chelb rebaħ fuk 500 premju fl'esposizzjonijet tal annimali.

Saru sperimenti ta canun li jispara ŭaħdu. Fi 15 il minuta, gibed elfejn, sitt-mija u tnejn u sebgħin (2,672) tir, mingħajr ma saħan xejn jeŭ tħassret il mira. Dan il canun jiżen 15 ir-ratal u jista jaħdmu ragel ŭieħed biss.

Fil Parlament, il Ministru Grey iddichiara li l'affarijet tal Balcani h uma ŭisk coroħ, imma il Potenzi jibkgħu jagħmlu id-dmir taħħom għall paci.

W.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

### GHIDLI X'IN HU.

1. Cull-ħadd bħali għad isir.
2. Jena cont, issa m'għadnix.
3. Ħuta jen u m'inhiex cbir.
4. Ŭara nibka, ma nigrix.
5. Il bliet ħalli, tcun fi ħdâni:
6. Il għajxien jen nati sħiħ.
7. Ŭaħdi biss għandec tarani.

Daż-żmien dlonc niftacru fiħ.

PIJU-MARIJA GAŬCI.

L'Accrexxittiv falz chien:

*Fergħa-Fergħun.*

Giebuħ tajjeb: mil Belt, ir-Rev. Dun G G., is-Sinjura Caterina Borġ, is-Sinjurina T. Mizzi u is-Sinjuri Piju Marija Gaŭci u C. Grixti — mil Ħamrun, ir-Rev. Canonicu Saliba—u minn Għaŭdex (ir-*Rabat*) *C. A.* u (*San-Laŭrenz*) is-Sur Dŭardu Grima.)

Akraŭ:—m'illum il-kuddiem, billi il *Ħabib* sejjer jibda joħroġ jumejn kabel, it-tifsir tal logħob jaħtieġ jinbgħat sa nhar is-Sibt filgħodu.

Nitolbu scuża lil daŭc it-tliet Sinjuri li ma gibniex isimhom il gimgħa l'oħra, għalavolja chienu bagħtulna tifsira tajjba u fil ħin. Min ħa l'ittri minn idejn ir-ragel tal *Posta*, għoġbu jinsihom f'butu xi ħaġa fuk tliet ti jem. Imma nittamaŭ li ma jargax!

### Akraû! Akraû!

L'Imsieħbin tal *Unjoni Cattolica* li jafu idokku xi strument, jinsabu mitlubin jatu isimhom u igħidu xi strument idokku, biex tista tingħakad bejniethom *Classi Musicali.*